



12.7.2010

AVVIŻ LILL-MEMBRI

Suġġett: Petizzjoni 0037/2010, ippreżentata minn Peter Kleffmann, ta' nazżjonalità Ġermaniża, f'isem Bürgerinitiative A10-Nord, dwar il-protezzjoni mill-ħsejjes tul l-awtostradi

1. Sommarju tal-petizzjoni

Il-petizzjonant jgħid li għadd ta' studji (li saru mid-WHO fost oħrajn) juru li t-tniġġis tal-ħsejjes mill-awtostradi jagħmel ħsara lis-saħħa għaliex huma ħsejjes permanenti, l-aktar dawk tat-trakkijiet kbar, li ma jalternawx ma perjodi kwieti bħalma jġri f' belt bit-traffiku tal-ajru u tal-ferroviji. Il-petizzjonant jgħid li aktar minn 15-il miljun ruħ fil-Ġermanja huma suġġetti għat-tniġġis tal-ħsejjes mill-awtostradi. Dan jista' jwassal biex itellef l-irqad, jikkaġuna pressjoni għolja tad-demem, dipressjoni u riskju akbar ta' attakk tal-qalb jew puplesija. Il-petizzjonant jitlob reviżjoni tad-Direttiva 2002/49/KEE li tittratta l-assessjar u l-kontroll tal-ħsejjes ambjentali. Huwa jappella, fost l-oħrajn, biex jiġu aġġustati l-valuri ta' limitu għat-tniġġis tal-ħsejjes, biex jitnaqqas il-limitu ta' veloċità tat-trakkijiet, biex jiġi evitat u jitnaqqas it-trasport tal-merkanzija fit-toroq u biex issir bidla fuq skala kbira mit-trasport bit-trakkijiet għal dak bil-ferroviji.

2. Ammissibilità

Iddikjarata ammissibbli fid-data 23 April 2010. Il-Kummissjoni ġiet mistiedna biex tagħti informazzjoni (Artikolu 202(6) tar-Regoli ta' Proċedura).

3. Risposta tal-Kummissjoni, li waslet nhar it-12 ta' Lulju 2010.

Il-Kummissjoni hija konxja mill-istudji dwar it-tniġġis mill-ħsejjes u dwar l-effetti negattivi li dan għandu fuq is-saħħa tal-bniedem. Id-Direttiva dwar il-ħsejjes Ambjentali għandha l-għan li tnaqqas l-effetti negattivi ta' espożizzjoni għall-ħsejjes ambjentali. Għal dan l-għan, hija teħtieġ li l-Istati Membri jiddeterminaw l-espożizzjoni għall-ħsejjes ambjentali, permezz ta'

mappatura tal-ħsejjes, biex jiġi żgurat li l-informazzjoni tkun disponibbli għall-pubbliku u biex jiġi adottat pjan ta' azzjoni għall-prevenzjoni u t-tnaqqis tal-ħsejjes, meta dan ikun neċessarju. Id-Direttiva ma fihex valuri limitu vinkolanti jew rakkomandati għall-espożizzjoni għall-ħsejjes, iżda limiti ta' dan it-tip jistgħu jiġu implimentati mill-Istati Membri jekk dawn jiddeċiedu hekk. Barra minn hekk, is-sistemi u l-proċeduri b'rabta mal-ippjanar spazjali huma responsabilità tal-Istati Membri, għalkemm ċerti proġetti għandhom ikunu egwidati mid-Direttiva dwar l-evalwazzjoni tal-impatt ambjentali. Fl-aħħarnett, fin-nuqqas ta' limitu ta' veloċità armonizzat fil-livell tal-UE, l-Istati Membri huma ħielsa li jiddeċiedu dwar limiti ta' veloċità adegwati fit-territorji rispettivi tagħhom.

Il-Kummissjoni biħsiebha tressaq rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva msemmija hawn fuq fl-2011. Ir-rapport, jekk ikun il-każ, għandu jkun akkumpanjat minn proposti għal emendi għad-Direttiva. Il-Kummissjoni se tikkunsidra l-informazzjoni kollha disponibbli matul ir-reviżjoni li hemm il-ħsieb li tintemm sa tmiem l-2011.

Konklużjonijiet

Fid-dawl ta' dawn l-elementi u tal-informazzjoni kkomunikata mill-petizzjonant, ma jista' jiġi identifikat l-ebda ksur tal-leġislazzjoni Komunitarja.